# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 55**

**Citaz. Nru. 2197/99GV**

**Doc. Nru. 12-01**

**D & M Enterprises Limited**

**vs**

**Adrian Grima f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bristow Potteries Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi matul medda ta' snin, iddisinjat u holqot disinji diversi ghall-materjali u drappijiet uzati f'diversi stili ta' ingravati konsistenti f'serje ta' kumbinazzjoni ta' kuluri u disinji originali idejati u disinjati minnha stess;

Premess illi l-kumpanija attrici kienet ikkummissjonat ditti esteri sabiex jinsgu u jipproducu ingravati skond l-ispecifikazzjonijiet ta' materjali disinjeta u idejati minnha;

Premess illi l-kumpanija attrici ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq dawn id-disinji uzati fuq dawn l-ingravati;

Premess illi l-kumpanija attrici ilha ghal fuq minn ghoxrin sena tbiegh diversi tipi ta' ingravati li jinbieghu f'diversi hwienet madwar Malta kollha.

Premess illi ftit ta' gimghat ilu l-konvenut proprio et nomine beda jipproduci u jispaccja kopji identici ta l-ingravati tal-kumpanija attrici fis-suq Malti li qieghed ukoll joffri l-istess ingravati lill-istess hwienet li normalment tissuplixxxi l-kumpanija attrici.

Premess illi dan l-agir tal-konvenut proprio et nomine qed jikkawza lill-kumpanija attrici danni serji li jinkludu telf ta' qliegh bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur tal-kumpanija attrici;

Premess illi dan l-agir qed jikkawza konfuzjoni fis-suq bejn il-prodotti tal-konvenut proprio et nomine u dawk tal-kumpanija attrici;

Premess illi minkejja li l-konvenut proprio et nomine gie interpellat permezz ta' ittra datata wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 1999, mill-kumpanija attrici sabiex jiddesisti minn tali agir ghax fin-nuqqas ikollhom jittiehdu passi legali kontra l-konvenut proprio et nomine (ara Dok DM1) dana baqa' inadempjenti u kompla bl-agir illegali ghad-detriment u dannu tal-kumpanija attrici;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna lill-konvenut proprio et nomine sabiex jiddesisti permanantement milli jidduplika, jimmanifattura, jirriproduci, jikkopja, ibiegh u iqassam jew b'mod iehor joffri ghall-bejgh ingravati identici ghal dawk prodotti mill-kumpanija attrici D and M Enterprises bi ksur tal-ligi u bi ksur tal-jeddijiet ta' l-awtur li l-kumpanija attrici ghandha fuq dan id-disinn;

2. Tiddikjara lill-konvenut proprio et nomine responsabbli ghad-danni;

3. Tillikwida id-danni;

4. Tordna il-konvenut proprio et nomine ihallas id-danni hekk likwidati;

5. Tordna l-konfiska tal-prodotti maghmula mill-konvenut proprio et nomine jew min minnhom u li tali prodotti jittiehdu mill-pussess tal-konvenut proprio et nomine jew min minnhom u li tali prodotti (ingravati) jigu distrutti taht id-direzzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Tordna lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura u dak tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet, numru 4363/99;

7. Tikkonferma d-digriet ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet numru 4364/99.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' Bristow Potteries Limited a fol 19 fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament l-irritwalita u nullita tac-citazzjoni ghad illi s-socjeta' attrici ma talbitx fic-citazzjoni, dikjarazzjoni u konferma tal-esistenza tal-jeddijiet li hija riedet li jitharsu meta talbet il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4364/99 fl-ismijiet:- "D & M Enterprises Limited vs Adrian Grima pro et nomine".

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talbiet attrici kwantu diretti kontra s-socjeta' eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, ghad illi s-socjeta' eccipjenti la llediet, la kisret u lanqas marret kontra xi dritt ta' awtur jew jedd iehor kif allegat mis-socjeta' attrici, u wisq aktar ma kkawzat xi danni lis-socjeta' attrici minhabba xi ksur ta' jedd tal-istess socjeta'.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Adrian Grima proprio a fol 22 fejn ecepixxa:

1. Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, billi t-talbiet attrici kwantu diretti kontra tieghu fil-vesti personali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghad illi kull negozju li ghamel u jaghmel l-eccipjent jaghmlu tramite s-socjeta' Bristow Potteries Limited li taghha huwa wiehed mid-diretturi u azzjonisti.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-nota tal-konvenuti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nullita' tac-citazzjoni stante li s-socjeta' attrici ma talbitx fic-citazzjoni dikjarazzjoni u konferma tal-jeddijiet li hija riedet thares bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

Sottomissjoni tal-konvenuti.

Il-konvenuti qed jissottomettu li fl-azzjoni promossa mis-socjeta' attrici qed tintalab dikjarazzjoni mill-Qorti fis-sens li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata tiddessisti permanentement milli taghmel attivita' ritenuta mis-socjeta' attrici bhala li tiddanneggja l-jedd pretiz minnha, minghajr izda ma is-socjeta' attrici qeghda titlob dikjarazzjoni mill-Qorti dwar l-esistenza tal-jedd, li l-vera esistenza tieghu hekk stabbilita mill-Qorti ghandha sservi sabiex il-Qorti takkolji t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kontinwazzjoni tal-kawtela irrejalizzata bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

Qabel ma l-Qorti tara jekk tinibix permanentement lis-socjeta' konvenuta trid tinvesti qabel xejn il-kwistjoni dwar jekk is-socjeta' attrici ghandiex dritt ta' awtur u dan ma jistax jsir meta fic-citazzjoni hemm biss riferenza f'forma ta' premessa ghal dan id-dritt. Illi sabiex tigi ventilata il-kwistjoni dwar jekk jezistix dan id-dritt ta' awtur hemm bzonn li fic-citazzjoni jkun hemm domanda dwar daqshekk.

Il-Qorti m'ghandha ebda talba in via principali ghall-dikjarazzjoni tal-esistenza tad-dritt ta' awtur u lanqas m'ghandha in via preambulari jew formulattiva u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis xi haga li tinsab omessa jew sospiza billi tkun qed tmur oltre dak li giet mitluba taghmel mis-socjeta' attrici.

**Tikkunsidra**

Fi kliem semplici l-konvenuti qed jissottomettu li l-Qorti ma tistax tiddikjara li jezisti d-dritt ta' awtur jekk dana ma intalbitx li taghmlu mis-socjeta' attrici fic-citazzjoni taghha.

Illi mill-ezami tac-citazzjoni attrici fil-fatt ma jirrizultax li hemm domanda simili. Kull ma hemm hu li fit-tielet paragrafu hemm premess li l-kumpanija ghandha d-drittijiet ta' l-awtur fuq dawn id-disinji uzati fuq dawn l-ingravati. Din hi premessa li trid tigi sostanzjata u pruvata.

Meta persuna tohrog mandat ta' inibizzjoni hija ghandha taghmel kawza ghal jedd imsemmi fil-mandat (Art 843 Kap 12). Hi ghandha dritt li titlob lill- Qorti li tiddikjara li hija ghandha tali dritt imbaghad tinghata ir-rimjedji skond il-Ligi.

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jitolbu r-rimedji minghajr ma ghamlu talba biex il-Qorti tiddikjara li huma ghandhom tali jedd li jintitolahom ghar-rimedji li talbu.

Dak kontenut fil-paragrafu 3 fuq imsemmi jikkostitwixxi il-kawzali principali fic-citazzjoni u hu evidenti li biex jigu milqugha t-talbiet attrici, trid tigi akkolta u

accettata l-kawzali li tifforma l-bazi tat-talbiet. Imma dana l-Qorti ma tistax taghmlu minghajr talba li l-atturi ghandhom dritt ta' awtur.

Ghad li l-insistenza fuq formalizmu esagerat m'ghandux jigi inkoraggit u kwalunkwe att gudizzjarju ghandu kemm jista jkun jigi salvat, imma dana dejjem ghandu jsir jekk ikun konformi mal-ligi li titlob l-osservanza ta' certi regoli fil-formulazzjoni tac-citazzjoni li jidher li fil-kaz in ezami ma gewx segwiti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez kontra l-atturi.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**